MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 449/2003

**Bollicine Limited**

**vs**

**Tony u Doris konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u sbatax-il Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM3017.38c) rapprezentanti import ta' hames kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti kopja taghhom tinsab annessa bhala Dok AB1, Dok AB2, Dok AB3, Dok AB4 u Dok AB5;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2003;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-22 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------